Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta’ Ottubru 2017
(OR. en)

13139/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0397 (COD)**

SOC 636
EMPL 483
CODEC 1576

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 12844/17 |
| Nru dok. Cion: | 15642/16 + ADD 1 - ADD 8 - COM(2016) 815 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (Test b’rilevanza għaż-ŻEE u l-Iżvizzera)<br>- Approċċ ġenerali parzjali |

## I. INTRODUZZJONI

Fit-13 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004. L-objettiv ġenerali tal-proposta hu li tkompli bil-modernizzazzjoni tar-regoli tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali billi tagħmilhom aktar ċari u aktar ġusti, u billi ttejjeb l-eżegwibbiltà tagħhom, u b'hekk tikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu tal-persuni fl-UE.

B'mod partikolari, il-proposta tiffoka fuq ħames oqsma: (i) il-benefiċċji tal-qgħad, (ii) il-benefiċċji għall-kura fit-tul, (iii) l-aċċess minn ċittadini mobbli ekonomikament inattivi għal ċerti benefiċċji tas-sigurtà soċjali, (iv) il-benefiċċji marbuta mal-familja u (v) il-leġislazzjoni applikabbli għal ħaddiema stazzjonati u mibgħuta u persuni li jaħdmu f'żewġ Stati Membri jew aktar.

Il-bażi legali proposta hija l-Artikolu 48 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jirrikjedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja.

Il-Parlament Ewropew għad irid jagħti l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Lulju 2017.

Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu waqt is-sessjoni tiegħu tat-12 u t-13 ta' Lulju 2017.

## II. DISKUSSJONIJIET FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (SQWP) beda l-eżami tiegħu tal-proposta f'Jannar 2017. Il-Presidenza Maltija indirizzat partijiet mill-proposta li jikkonċernaw it-trattament ugwali u l-aċċess minn ċittadini mobbli ekonomikament inattivi u l-leġislazzjoni applikabbli. Rigward il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet, inkiseb progress sostanzjali. Madankollu, sal-aħħar tat-terminu tagħha, kien għad hemm bżonn ta' aktar ħidma fuq dawn iż-żewġ oqsma li huma ferm kumplessi mil-lat legali u tekniku. Ir-rapport ta' progress ppreżentat lill-Kunsill EPSCO ta' Ġunju kien fih lista ta' sitt kwistjonijiet ewlenin għal aktar diskussjonijiet tekniċi (dok. 9524/17, p. 18). Il-Presidenza Estonjana kompliet teżamina ż-żewġ oqsma ta' hawn fuq li għadhom miftuħa.

Fil-qasam ta' **trattament ugwali**, id-delegazzjonijiet kellhom fehmiet differenti dwar kif jikkodifikaw il-ġurisprudenza reċenti[1], b'mod partikolari, jekk jikkodifikawx il-ġurisprudenza reċenti b'mod sħiħ, parzjalment jew jekk din ma tiġix kodifikata. Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri jirrikonoxxu l-impossibbiltà li jintlaħaq kompromess rigward il-kodifikazzjoni sħiħa tal-ġurisprudenza reċenti, kien hemm ukoll xi Stati Membri li kienu qed jopponu kodifikazzjoni parzjali.

[1] Kawżi C-140/12 Brey, C-333/13 Dano, C-67/14 Alimanovic, C-299/14 Garcia-Nieto u C-308/14 Kummissjoni v. ir-Renju Unit.

Fil-11 ta' Ottubru, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti kkonferma l-fehim ġenerali li l-aħjar triq 'il quddiem kienet li ma jkun hemm l-ebda kodifikazzjoni. Abbażi tad-dibattitu fil-Coreper, il-Presidenza tippreżenta t-test lill-Kunsill mingħajr il-Premessa (5aa) rigward ċittadini minn pajjiżi terzi koperti mir-Regolament, li tilfet ir-"*raison d´être*" tagħha mingħajr id-dispożizzjonijiet operattivi li jikkodifikaw il-ġurisprudenza permezz ta' referenzi għad-Direttiva dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadin. Fil-premessa (5-a), il-Presidenza ħassret il-kelma "ġenerali" fir-rigward tal-prinċipju ta' trattament ugwali sabiex il-formulazzjoni tal-premessa tkun aktar ċara.

AT żammet riżerva dwar in-nonkodifikazzjoni.

Fil-qasam tal-**leġislazzjoni applikabbli**, il-Presidenza ppruvat tikseb bilanċ akbar fit-test, billi indirizzat it-tħassib tal-Istati Membri differenti, abbażi tal-ħidma taħt il-Presidenza Maltija. Filwaqt li ntlaħaq ftehim wiesa' dwar għadd ta' kwistjonijiet fil-livell tekniku (SQWP), il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ffoka d-diskussjoni tiegħu (fil-11 ta' Ottubru) fuq tliet kwistjonijiet pendenti kif imsemmi fir-Rapport lill-Coreper (dok. 12844/17).

Fir-rigward ta' affiljazzjoni minn qabel u l-perijodu ta' żmien bejn stazzjonar konsekuttiv (Artikolu 14(1) u (1a)) rispettivament, PT iċċirkola nota fejn il-kondizzjoni ta' tliet xhur affiljazzjoni minn qabel għandha tkun applikata biss għal 60% tal-persuni mibgħuta mill-impjegatur. Kien hemm dubji dwar kemm din tista' tiġi applikata fil-prattika. Filwaqt li xi delegazzjonijiet talbu għal tnaqqis tal-perijodu ta' affiljazzjoni minn qabel għal xahar wieħed jew xahrejn, oħrajn talbu sabiex il-perijodu bejn stazzjonar konsekuttiv jittawwal għal tliet xhur. Il-Presidenza nnutat ukoll appoġġ pjuttost kbir għall-proposta ta' kompromess tagħha. Madankollu, għadha żżomm bejn parentesi l-għadd ta' xhur fiż-żewġ paragrafi għall-eżami fil-livell ta' Kunsill.

Fir-rigward tal-kwistjoni ta' attivitajiet f'aktar minn Stat Membru wieħed (Artikolu 14(5a)), AT, BE, DE, FR, LU u NL ippreżentaw nota konġunta rigward l-Artikolu 14(5a) ibbażata fuq il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, bi klawżola dwar mekkaniżmu ta' reviżjoni għad-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli kull 24 xahar. Madankollu, il-Presidenza nnutat li għadd kbir ta' delegazzjonijiet jappoġġaw il-proposta tal-Presidenza.

Rigward il-kwistjoni ta' effett retroattiv ta' deċiżjoni sabiex jiġi rtirat jew rettifikat dokument (Artikolu 19a(2)), xi delegazzjonijiet talbu sabiex issir distinzjoni bejn żball u frodi, filwaqt li esprimew tħassib dwar il-piż amministrattiv potenzjali u l-effetti fuq id-drittijiet tal-persuni kkonċernati. Madankollu, il-Presidenza nnutat li, għal darb'oħra, ħafna delegazzjonijiet kienu qed jappoġġaw it-test tagħha.

B'kont meħud tad-diskussjoni fil-Coreper u l-fehmiet diverġenti tad-delegazzjonijiet dwar diversi kwistjonijiet, il-Presidenza tqis li t-test ta' kompromess, kif kien ippreżentat lill-Coreper, jilħaq il-bilanċ ġust u l-modifika ta' kwalunkwe waħda minn dawn it-tliet kwistjonijiet sensittivi u kumplessi tkun teħtieġ il-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-elementi l-oħra.

Għaldaqstant, il-Presidenza żżomm il-proposta ta' kompromess tagħha dwar il-leġislazzjoni applikabbli u tippreżentaha lill-Kunsill (EPSCO).

It-test ta' kompromess jinsab fl-Anness għal dan ir-Rapport (Anness I (trattament ugwali) u Anness II (leġislazzjoni applikabbli)). In-numerazzjoni tal-paragrafi hu marbut mal-proposta tal-Kummissjoni (dok. 15642/16).

Riżervi pendenti: CZ, DK, IE, NL, PL u UK żammu riżervi parlamentari, PL żammet riżerva speċifika dwar l-Artikolu 12 u SK żammet riżerva lingwistika.

Il-Kummissjoni kkonfermat il-proposta oriġinali tagħha f'dan l-istadju u żammet riżerva dwar kwalunkwe bidla fiha.

## IV. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill (EPSCO) huwa mistieden jeżamina t-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness I u II għal dan ir-Rapport bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali parzjali waqt is-sessjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2017.

**Dispożizzjonijiet fil-proposta relatati ma': *Trattament ugwali u aċċess għall-benefiċċji soċjali***

**Regolament (KE) Nru 883/2004**

**Premessa 2**

It-Trattat ma jipprevedix setgħat ħlief dawk tal-Artikolu 308 biex jittieħdu miżuri xierqa fil-qasam tas-sigurtà soċjali għal persuni li mhumiex persuni impjegati.

**Premessa 2a**

L-Artikoli 45 u 48 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiżguraw il-moviment liberu tal-ħaddiema li jinvolvi l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza u jipprevedu l-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa fil-qasam tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata dik il-libertà. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri, salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettaq.

**Premessa 5**

Huwa neċessarju, fi ħdan il-qafas ta' din il-kordinazzjoni, li fl-Unjoni jkun garantit trattament ugwali għall-persuni kkonċernati taħt il-leġislazzjonijiet nazzjonali differenti.

**Premessa 5(-a)**

Bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali previst f'dan ir-Regolament, jeħtieġ li tiġi rispettata l-ġurisprudenza tal-Qorti. Il-Qorti interpretat dan il-prinċipju u r-relazzjoni bejn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2004/38/KE fis-sentenzi tagħha fil-kawżi reċenti C-140/12 Brey, C-333/13 Dano, C-67/14 Alimanovic, C-299/14 Garcia-Nieto u C-308/14 il-Kummissjoni vs ir-Renju Unit.

**Premessa 5a**

**[…]**

**Premessa 5b**

**[…]**

**Premessa 5c**

[…]

**Premessa 47**

Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Premessa 48**

[…]

**Artikolu 4**
**Trattament Ugwali**

Sakemm dan ir-Regolament ma jgħidx mod ieħor, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom igawdu l-istess benefiċċji u għandhom ikunu soġġetti għall-istess obbligi skont il-leġislazzjoni ta' kull Stat Membru daqs li kieku kienu ċittadini tiegħu.

**Dispożizzjonijiet fil-proposta relatati ma': *Leġislazzjoni Applikabbli***

**Regolament (KE) Nru 883/2004**

**Premessa 18b**

Fl-Anness III, is-Subparti FTL tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 83/2014/UE tad-29 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kunċett ta' bażi tas-servizz għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-ekwipaġġ tal-kabina huwa ddefinit bħala l-post, assenjat mill-operatur lill-membru tal-ekwipaġġ, li minnu l-membru tal-ekwipaġġ normalment jibda u jispiċċa perijodu ta' xogħol jew sensiela ta' perijodi ta' xogħol u fejn, f'kundizzjonijiet normali, l-operatur ma jkunx responsabbli għall-akkomodazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ ikkonċernat.

**Artikolu 11**

**Regoli ġenerali**

5. Attività bħala membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jew tal-ekwipaġġ tal-kabina li jwettaq servizzi għall-passiġġieri jew għall-merkanzija tal-ajru għandha titqies bħala attività mwettqa fl-Istat Membru fejn tinsab il-bażi tas-servizz kif definit fis-Subparti FTL tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 83/2014/UE tad-29 ta' Jannar 2014.

**Artikolu 12**

**Regoli speċjali**

1. Persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru f'isem impjegatur li normalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu hemmhekk, u li tintbagħat minn dak l-impjegatur fi Stat Membru ieħor biex taħdem f'isem dak l-impjegatur, għandha tibqa' soġġetta għal-leġislazzjoni tal-ewwel Stat Membru, dment li t-tul ta' żmien antiċipat ta' xogħol bħal dan ma jaqbiżx 24 xahar u dik il-persuna ma tkunx qed tieħu post persuna impjegata oħra li tkun intbagħtet preċedentement u li tkun koperta minn dan il-paragrafu jew persuna li taħdem għal rasha koperta mill-paragrafu 2.

2. Persuna li normalment twettaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stat Membru u li tmur biex twettaq attività simili fi Stat Membru ieħor għandha tibqa' tkun soġġetta għal-leġislazzjoni tal-ewwel Stat Membru dment li t-tul ta' żmien antiċipat ta' attività bħal din ma jaqbiżx l-24 xahar u li dik il-persuna ma tkunx qed tieħu post persuna impjegata oħra li tkun intbagħtet preċedentement u li tkun koperta mill-paragrafu 1 jew persuna li taħdem għal rasha koperta minn dan il-paragrafu.

2a. Meta persuna impjegata koperta mill-paragrafu 1 jew persuna li taħdem għal rasha koperta mill-paragrafu 2 ma tlestix ix-xogħol jew l-attività u tiġi sostitwita b'persuna oħra, il-persuna l-oħra għandha tkompli tkun soġġetta għal-leġislazzjoni tal-Istat Membru minn fejn tkun intbagħtet jew fejn normalment twettaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha dment li t-tul ta' żmien totali tax-xogħol jew tal-attività mill-persuni kollha kkonċernati fit-tieni Stat Membru ma jaqbiżx 24 xahar u li jiġu osservati l-kondizzjonijiet l-oħra stipulati fil-paragrafu 1 jew 2.

**Artikolu 72**

**Kompiti tal-Kummissjoni Amministrattiva**

(ea) tipprovdi opinjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 76a qabel ma jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija f'dak l-Artikolu, u tagħmel kwalunkwe proposta rilevanti lill-Kummissjoni Ewropea għar-reviżjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija;

**Artikolu 75a**[2]

**Obbligu tal-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tagħhom huma konxji mid-dispożizzjonijiet kollha, leġislattivi jew ta' natura oħra, u japplikawhom, inkluż id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva, fl-oqsma koperti mit-termini ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament ta' implimentazzjoni u fi ħdan dawn it-termini.

2. Sabiex tiġi żgurata d-determinazzjoni korretta tal-leġislazzjoni applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippromwovu, fejn adegwat, il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tagħhom u korpi rilevanti oħra, bħal pereżempju l-ispettorati tax-xogħol, fl-Istati Membri tagħhom.

**Artikolu 76a**

**Setgħa biex jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proċedura, inkluż fejn adegwat, il-limiti ta' żmien, li għandhom jiġu segwiti sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni skont kondizzjonijiet uniformi tal-Artikolu 12 u 13 ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu proċeduri standard għal:

---

2 Niġbdu l-attenzjoni li din id-dispożizzjoni tpoġġiet taħt Mixxellanji, kif propost mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha.

– il-ħruġ, il-format u l-kontenuti ta' dokument portabbli li jiċċertifika l-leġislazzjoni dwar is-sigurtà soċjali li tapplika għad-detentur,

– l-elementi li għandhom jiġu vverifikati qabel ma d-dokument ikun jista' jinħareġ, jiġi rtirat jew rettifikat,

– l-irtirar jew ir-rettifika tad-dokument mill-istituzzjoni tal-ħruġ f'konformità mal-Artikoli 5 u 19a tar-Regolament ta' implimentazzjoni.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76 b(2) ta' dan ir-Regolament.

3. […]

**Artikolu 76b**

**Proċedura ta' eżami**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Il-Kumitat huwa kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni Ewropea ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

**Regolament 987/2009**

**Artikolu 1**
**Definizzjonijiet**

2(ea) ‘frodi' tfisser kwalunkwe att intenzjonat jew ommissjoni intenzjonata li wieħed jaġixxi, sabiex jikseb jew jirċievi benefiċċji tas-sigurtà soċjali jew biex jevita li jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kuntrarju għal-liġi tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i), ir-Regolament bażiku, jew dan ir-Regolament;

**Artikolu 5**
**Valur legali tad-dokumenti u l-evidenza ta' sostenn maħruġa fi Stat Membru ieħor**

1. Id-dokumenti maħruġa mill-istituzzjoni ta' Stat Membru u li juru l-pożizzjoni ta' persuna għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament bażiku u tar-Regolament ta' implimentazzjoni, u l-evidenza ta' sostenn li abbażi tagħha nħarġu d-dokumenti, għandhom jiġu aċċettati mill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri l-oħrajn sakemm dawn ma jkunux ġew irtirati jew iddikjarati li huma invalidi mill-Istat Membru fejn inħarġu.

1a. Fejn ma jimtlewx it-taqsimiet kollha indikati bħala obbligatorji, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li tirċievi d-dokumenti għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-istituzzjoni tal-ħruġ bid-difett fid-dokument. L-istituzzjoni tal-ħruġ għandha jew tirrettifika d-dokument mill-iktar fis possibbli jew tikkonferma li l-kondizzjonijiet għall-ħruġ tad-dokument ma ġewx sodisfatti. Jekk ma tiġix ipprovduta l-informazzjoni obbligatorja nieqsa kollha fi żmien 30 jum ta' xogħol, l-istituzzjoni rikjedenti tista' tipproċedi daqslikieku d-dokument qatt ma nħareġ u f'dak il-każ għandha tinforma lill-istituzzjoni tal-ħruġ dwar dan.[3]

[3] *Possibbilment tista' tkun meħtieġa klawsola ta' tranżizzjoni fi stadju aktar tard rigward il-validità ta' dokument maħruġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju.*

**2.** Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19a, meta jkun hemm dubju dwar il-validità ta' dokument jew il-preċiżjoni tal-fatti li fuqhom huwa bbażat id-dokument, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li tirċievi d-dokument għandha titlob lill-istituzzjoni tal-ħruġ għall-kjarifika meħtieġa u, fejn adegwat, l-irtirar jew ir-rettifika ta' dak id-dokument. L-istituzzjoni tal-ħruġ għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-raġunijiet għall-ħruġ tad-dokument u, jekk meħtieġ, tirtirah jew tirrettifikah.

3. Meta jkun hemm dubju dwar l-informazzjoni pprovduta mill-persuna/i kkonċernata/i, il-validità ta' dokument jew l-evidenza ta' sostenn jew il-preċiżjoni tal-fatti li fuqhom huwa bbażat id-dokument, kwalunkwe istituzzjoni kkonċernata għandha, sa fejn dan ikun possibbli, fuq talba mill-istituzzjoni kompetenti, twettaq il-verifika meħtieġa ta' din l-informazzjoni jew ta' dan id-dokument.

4. Meta ma jintlaħaqx qbil bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati, il-kwistjoni tista' titressaq quddiem il-Kummissjoni Amministrattiva mill-awtoritajiet kompetenti mhux qabel xahar wara d-data li fiha l-istituzzjoni li rċeviet id-dokument tkun ippreżentat it-talba tagħha. Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tfittex li tirrikonċilja l-fehmiet fi żmien sitt xhur mid-data li fiha l-kwistjoni tressqet quddiemha. Meta tagħmel dan u f'konformità mal-Artikolu 72(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni Amministrattiva tista' tadotta deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku u dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex japplikaw tali deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva, mingħajr ħsara għad-dritt tal-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet u l-persuni kkonċernati li jirrikorru għall-proċeduri u għat-tribunali previsti fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri, f'dan ir-Regolament jew fit-Trattat.

**Artikolu 14**

**Dettalji relatati mal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament bażiku**

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku, 'persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru f'isem impjegatur li normalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu hemmhekk u li tintbagħat minn dak l-impjegatur fi Stat Membru ieħor' għandha tinkludi persuna li tiġi reklutata bil-ħsieb li tintbagħat fi Stat Membru ieħor, dment li għal perijodu ta' mill-inqas [tliet] xhur immedjatament qabel il-bidu tal-impjieg tagħha, il-persuna kkonċernata tkun diġà soġġetta għal-leġislazzjoni tal-Istat Membru li fih hu stabbilit l-impjegatur tagħha.

1a. Ladarba persuna tkun intbagħtet f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku jew tkun eżerċitat attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament bażiku għal 24 xahar b'kollox jew b'mod kontinwu jew inkella b'interruzzjonijiet mhux itwal minn [xahrejn], ma jista' jibda ebda perijodu ġdid skont l-Artikolu 12 (1) jew l-Artikolu 12(2) għall-istess persuna impjegata jew li taħdem għal rasha u l-istess Stat Membru sakemm ma jkunu għaddew mill-inqas [xahrejn] minn tmiem il-perijodu preċedenti.

(5a) Għall-fini tal-applikazzjoni tat-Titolu II tar-Regolament bażiku 'uffiċċju rreġistrat jew post tan-negozju' għandha tirreferi għall-uffiċċju rreġistrat jew il-post tan-negozju fejn id-deċiżjonijiet essenzjali tal-impriża jiġu adottati u fejn il-funzjonijiet tal-amministrazzjoni ċentrali tagħha jitwettqu. Meta jiġi determinat il-post tal-uffiċċju rreġistrat jew il-post tan-negozju, għandu jittieħed kont ta' sensiela ta' fatturi, inkluż:

(i) il-post ta' residenza tad-diretturi prinċipali,

(ii) il-postijiet fejn isiru l-laqgħat ġenerali,

(iii) il-post fejn jinżammu d-dokumenti amministrattivi u tal-kontabbiltà,

(iv) il-post fejn iseħħu prinċipalment it-transazzjonijiet finanzjarji u b'mod partikolari dawk bankarji,

(v) Id-dħul, il-ħin tax-xogħol, l-għadd ta' servizzi mogħtija u/jew l-introjtu,

(vi) in-natura abitwali ta' attività mwettqa.

Id-determinazzjoni għandha ssir fil-qafas ta' valutazzjoni globali, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil kull wieħed mill-kriterji msemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għad-determinazzjoni.

12. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, b'rabta ma' persuna li tirrisjedi barra t-territorju tal-Unjoni u li twettaq l-attività tagħha bħala persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri jew aktar, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku u r-Regolament ta' implimentazzjoni dwar id-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* soġġett għad-dispożizzjoni li r-residenza tagħha għandha titqies li hi fl-Istat Membru fejn il-persuna twettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tagħha f'termini ta' ħin tax-xogħol fit-territorju tal-Unjoni.

**Artikolu 15**

**Proċeduri għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11(3)(b) u (d), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 11(5) u l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku (dwar id-dispożizzjoni ta' informazzjoni għall-istituzzjonijiet ikkonċernati)**

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis* għal persuni koperti mill-Artikolu 11(3)(d) u l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku.

**Artikolu 16**

**Proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku**

1. Persuna li twettaq attivitajiet f'żewġ Stati Membri jew aktar għandha tinforma b'dan lill-istituzzjoni magħżula mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-residenza tagħha. Din l-informazzjoni tista' tingħata wkoll mill-impjegatur f'isem il-persuna.

2. L-istituzzjoni magħżula tal-post ta' residenza għandha, mingħajr dewmien, tiddetermina l-leġislazzjoni applikabbli għall-persuna kkonċernata, wara li jitqiesu l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' implimentazzjoni. Jekk din l-istituzzjoni tiddetermina li tapplika l-leġislazzjoni tal-Istat Membru fejn tinsab din l-istituzzjoni, hija għandha tinforma lill-istituzzjonijiet magħżula ta' kull Stat Membru fejn qed titwettaq attività u/jew fejn jinsab l-impjegatur dwar id-determinazzjoni tagħha tal-leġislazzjoni applikabbli.

3. Jekk l-istituzzjoni magħżula tal-post ta' residenza tiddetermina li l-leġislazzjoni ta' Stat Membru ieħor tapplika, dik id-determinazzjoni għandha tkun proviżorja, u din l-istituzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-istituzzjonijiet magħżula ta' kull Stat Membru fejn titwettaq attività u/jew fejn jinsab l-impjegatur dwar din id-determinazzjoni proviżorja tal-leġislazzjoni applikabbli. Id-determinazzjoni proviżorja għandha ssir definittiva xahrejn wara li l-istituzzjonijiet magħżula mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jkunu ġew informati dwarha, dment li għallinqas waħda minn dawn l-istituzzjonijiet ma tinformax lill-istituzzjoni magħżula tal-post ta' residenza sal-aħħar ta' dan il-perijodu ta' xahrejn li hija għadha ma tistax taċċetta d-determinazzjoni proviżorja jew li hija għandha fehma differenti dwar dan.

5. L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li l-leġislazzjoni tiegħu hija determinata bħala applikabbli jew b'mod proviżorju jew b'mod definittiv għandha tinforma mingħajr dewmien lill-persuna kkonċernata u/jew lill-impjegatur tagħha dwar id-determinazzjoni.

**Artikolu 19**

**Għoti ta' informazzjoni lil persuni kkonċernati u lill-impjegatur**

3. Kull meta istituzzjoni tintalab toħroġ l-attestazzjoni msemmija hawn fuq, hija għandha twettaq valutazzjoni adegwata tal-fatti rilevanti għall-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fit-Titolu II tar-Regolament bażiku u tikkonferma li l-informazzjoni li tinsab fl-attestazzjoni hija korretta.

**Artikolu 19a**

**Kooperazzjoni fil-każ ta' dubji dwar il-validità ta' dokumenti maħruġa dwar il-leġislazzjoni applikabbli**

1. Meta jkun hemm dubju dwar il-validità ta' dokument li juri l-pożizzjoni tal-persuna għall-finijiet tal-leġislazzjoni applikabbli jew dwar il-preċiżjoni tal-fatti li fuqhom huwa bbażat id-dokument, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li tirċievi d-dokument għandha titlob lill-istituzzjoni tal-ħruġ għall-kjarifika meħtieġa u, fejn adegwat, għall-irtirar jew ir-rettifika ta' dak id-dokument. L-istituzzjoni rikjedenti għandha tissostanzja t-talba tagħha u tipprovdi d-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti li wasslet għat-talba.

2. Meta tirċievi talba bħal din, l-istituzzjoni tal-ħruġ għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-raġunijiet għall-ħruġ tad-dokument u, meta jinstab li kien hemm żball, tirtirah jew tirrettifikah fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba. L-irtirar jew ir-rettifika għandu jkollha effett retroattiv. Madankollu, f'każijiet fejn ikun hemm riskju ta' eżitu sproporzjonat, u b'mod partikolari, li jintilef l-istatus bħala persuna assigurata għall-perijodu kollu rilevanti jew parti minnu fl-Istati Membri kollha kkonċernati, l-Istati Membri għandhom iqisu l-applikazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku. Meta l-istituzzjoni tal-ħruġ tikkunsidra li, abbażi tal-evidenza disponibbli, m'hemmx dubju li l-applikant ta' dokument wettaq frodi, hija għandha tirtira jew tirrettifika d-dokument mingħajr dewmien u b'effett retroattiv.

3. Jekk l-istituzzjoni tal-ħruġ, wara li tkun ikkunsidrat mill-ġdid ir-raġunijiet għall-ħruġ tad-dokument ma tkunx tista' ssib xi żball, hija għandha tgħaddi lill-istituzzjoni rikjedenti l-evidenza kollha disponibbli fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba. F'każijiet urġenti, meta r-raġunijiet għall-urġenza jkunu ġew indikati u sostanzjati b'mod ċar fit-talba, dan għandu jsir fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol minn meta tasal it-talba, minkejja l-possibbiltà li l-istituzzjoni tal-ħruġ ma tkunx lestiet id-deliberazzjonijiet tagħha skont il-paragrafu 2 ta' hawn fuq.

4. Meta l-istituzzjoni rikjedenti, wara li tkun irċeviet l-evidenza disponibbli, jibqagħlha dubji dwar il-validità ta' dokument jew il-preċiżjoni tal-fatti li fuqhom huma bbażati d-dettalji ta' ġo fih jew li l-informazzjoni li fuqha d-dokument kien inħareġ mhix korretta, hija tista' tippreżenta evidenza għal dak il-għan u tagħmel talba oħra għal kjarifika u fejn adegwat tirtira jew tirrettfika dak id-dokument mill-istituzzjoni tal-ħruġ f'konformità mal-proċedura u l-perijodi ta' żmien stabbiliti hawn fuq.

5. Jekk id-dubji tal-istituzzjoni li tirċievi t-talba jippersistu u ma jintlaħaq l-ebda qbil bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati, japplika l-Artikolu 5(4) kif meħtieġ.

**Artikolu 73**[4]

**Ħlas tal-benefiċċji fi flus kontanti u in natura u l-kontribuzzjonijiet mogħtija jew imħallsa bi żball fil-każ ta' għoti proviżorju ta' benefiċċji jew bidla retroattiva tal-leġislazzjoni applikabbli**

---

[4] Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali ddeċieda li jipposponi d-dibattitu dwar l-Artikolu 73 għal meta jiġi diskuss it-TITOLU IV tar-Regolament ta' implimentazzjoni.